# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2017**

**Kawża Numru 33**

**Rik. Nru. 15/17JRM**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 1449/2016 fl-ismijiet:

Francis **ENRIQUEZ**

vs

Sylvia **ENRIQUEZ**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fid-9 ta' Jannar, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti eżekutata Sylvia Enriquez talbet li din il-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv maħruġ kontriha fis-6 ta' Ottubru, 2016, fuq talba tal-intimat eżekutant Francis Enriquez;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat eżekutant Francis Enriquez fit-22 ta' Frar, 2017, li biha laqa' għat-talba tal-eżekutata billi qal li l-Mandat imissu jibqa' fis-seħħ u t-talba attriċi ma għandhiex tintlaqa' ladarba huwa jgawdi titolu eżekuttiv kontra l-eżekutata martu bis-saħħa ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell u dan għas-somma msemmija fl-istess Mandat;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors, u kif ukoll dawk tal-Mandat eżekuttiv li għalih jirreferi;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Frar, 2017, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal tħassir ta' Mandat ezekuttiv għar-raġuni li l-parti eżekutata tgħid li l-ebda Mandat ma jista' jinħareġ kontra persuna li tkun ingħatat il-Benefiċċju biex tħarrek jew biex tiddefendi ruħha b'Għajnuna Legali u wkoll għaliex, bil-fatt li nħareġ l-imsemmi Mandat, il-pensjoni tagħha li biha trid tgħix qiegħda tinżammilha minn wieħed mill-banek sekwestratarji;

Illi, min-naħa tiegħu, l-intimat eżekutant jgħid li r-raġunijiet miġjuba 'l quddiem mir-rikorrenti eżekutata ma humiex raġunijiet tajba fil-liġi biex iwasslu għat-tħassir tal-Mandat minnu mitlub u miksub;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>fatti ewlenin marbutin mal-każ</u> jirriżulta li bejn il-partijiet kien hemm kawża ta' firda personali[1] u l-eżekutant kien kundannat iħallas lill-eżekutata manteniment marbut mad-dħul li kellu mill-pensjonijiet tiegħu;

Illi fi Frar tal-2011, l-eżekutant fetaħ kawża[2] biex, għar-raġunijiet hemm imsemmija, jitlob li l-ammont ta' manteniment li kien ikkundannat iħallas lil martu jitnaqqas minħabba bdil fiċ-ċirkostanzi. Dik il-kawża ntemmet b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Marzu, 2016, li biha u għar-raġunijiet dettaljati hemm mogħtija, laqgħet l-appell tal-eżekutant u naqqset l-ammont ta' manteniment li kellu jibqa' jħallas lill-eżekutata,

---

[1] Ċitazz. Nru. 1169/92FD maqtugħa fit-18.10.2000 u għaddiet f'ġudikat
[2] Rik. Nru. 70/11AL

filwaqt li għabbiet lill-istess eżekutata biex tħallas l-ispejjeż taż-żewġ istanzi tal-kawża. F'dawk il-proċeduri, l-eżekutata kienet ingħatat li tmexxi l-kawża bil-Benefiċċju tal-Għajnuna Legali;

Illi wara li ngħatat dik is-sentenza, fis-6 ta' Ottubru, 2016, l-eżekutant talab il-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv mertu tal-każ dwar l-ispejjeż tal-kawża msemmija għall-kreditu ta' elf tliet mija u wieħed u sebgħin euro u tmienja u erbgħin ċenteżmi (€ 1,371.48) rappreżentanti l-ispejjeż taxxati tal-kawża msemmija. Mal-Mandat, ir-rikorrent eżekutant hemeż kopja tas-sentenza u kif ukoll kopja tat-taxxa ġudizzjarja maħruġa b'rabta ma' dik is-sentenza. Fost is-sitt (6) sekwestratarji msemmija mill-eżekutant, ħamsa minnhom kienu banek kummerċjali;

Illi t-talba tal-eżekutant intlaqgħet fis-7 ta' Ottubru, 2016, u sal-għada l-banek sekwestratarji kienu laqgħu n-notifika tiegħu;

Illi fid-9 ta' Jannar, 2017, l-eżekutata fetħet din il-proċedura;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ</u> irid jingħad illi din il-Qorti diġa' wriet, f'deċiżjonijiet oħrajn li hija tat qabel din tal-lum, li hija tal-fehma li l-għan li għalih iddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, il-parti eżekutata tbati preġudizzju u dan billi jsir eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir[3]. Il-Qorti tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunu tħarsu u jkunu jidhru mill-att eżekuttiv innifsu, u li dak il-Mandat ma jkunx inħareġ b'mod abbużiv[4]. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ[5]. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra;

Illi, in ġenerali, jista' jingħad li Mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma[6]. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836,

---

[3] App. Inf. PS **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Awtorita' Marittima ta' Malta vs Polidano Brothers Ltd***
[4] Ara P.A. GV **19.11.2008** fl-atti tar-rikors fl-ismijiet ***Kummissarju VAT vs Mark Grima et noe et***
[5] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **1.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Stones Properties Ltd. noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1401**) u App. Ċiv. **25.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***K.T.I. vs Serge*** (Kolleż. Vol: **LXXXV.ii.414**)
[6] P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (degriet interlokutorju)

li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawża preżenti mhuwiex Mandat kawtelatorju;

Illi l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel dwar it-talba mressqa quddiemha għandu jkun wieħed fil-parametri stretti tal-azzjoni kif proposta. Xogħol il-Qorti f'din il-proċedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet għaliex wara kollox, fi proċedura bħal din, ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv (bħal sentenza, taxxa ġudizzjarja jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni. Din il-Qorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun;

Illi, b'żieda ma' dan, l-azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 281 tgħodd fejn issir talba għat-tħassir, għal kollox jew f'parti minnu, tal-att eżekuttiv, u mhux tas-sospensjoni tal-effetti tiegħu[7];

Illi għalhekk din il-Qorti għandha toqgħod b'seba' għajnejn biex ma tħallix kwestjoni dwar Mandat maħruġ minn Qorti tinbidel fi kwestjoni ta' ftuħ mill-ġdid tal-mertu jew billi tħalli li jiddaħħlu fin-nofs kwestjonijiet oħrajn li jista' jkun hemm bejn il-partijiet involuti f'dak il-Mandat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li l-mottiv li jkun wassal lil xi ħadd biex jitlob il-ħruġ ta' Mandat m'għandux, bħala regola, ikun raġuni biex il-Qorti tistħarreġ is-siwi tiegħu. Dan jingħad aktar u aktar fejn il-Mandat ikun wieħed eżekuttiv, imsejjes fuq titolu li jkun eżegwibbli;

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrenti eżekutata qiegħda tgħid li l-Mandat ma jiswiex u jmissu jitħassar għal kull waħda minn żewġ raġunijiet: l-ewwel nett għaliex kontra tagħha ma jistax jintalab il-ħruġ ta' att ġudizzjarju bħal dak ladarba hija kienet ingħatat li tmexxi l-kawża bil-Benefiċċju tal-Għajnuna Legali; u fit-tieni lok, għaliex bil-ħruġ tal-istess Mandat, qiegħda tinżammilha l-pensjoni li tidħol f'wieħed mill-kontijiet bankarji milquta bl-istess Mandat;

Illi minn dawn iż-żewġ kawżali, il-Qorti tqis li l-ebda wieħed minnhom ma jintrabat mas-siwi fil-forma tal-Mandat maħruġ;

Illi għal dak li jirrigwarda l-ewwel kawżali l-Qorti jidhrilha li r-rikorrenti m'għandhiex raġun. Il-fatt li parti f'kawża tkun ingħatat il-Benefiċċju tal-għajnuna legali biex tfittex jew li tiddefendi ruħha f'kawża ma jfissirx li hija tingħata ħelsien sħiħ minn kull nefqa jew spiża marbuta mal-kawża, jiġri x'jiġri. Din il-fehma tal-eżekutata ma toħroġx mil-liġi li, saħansitra,

---

[7] Ara, b'eżempju, P.A. AJM **5.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Terranet Ltd vs Linknet Ltd. et***; u App. Ċiv. **5.2.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Persiano et vs Persiano*** (Kollez. Vol: **LXXXVI.ii.257**)

tagħmilha ċara li taħseb sewwasew għall-każ fejn il-parti li tkun ingħatat il-Benefiċċju tal-Għajnuna Legali tista' tkun marbuta li tħallas l-ispejjeż tal-parti l-oħra rebbieħa "kemm-il darba jiġi hekk deċiż"[8]. Fil-każ tal-lum, il-Qorti tal-Appell ordnat lill-eżekutata tħallas l-ispejjeż taż-żewġ istanzi, minkejja li kien jidher sewwa mill-atti li l-istess eżekutata kienet ingħatat il-Benefiċċju;

Illi, b'żieda ma' dan, il-Mandat eżekuttiv attakkat minnha nħareġ bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv maħluq bis-sentenza, u mhux bit-taxxa ġudizzjarja mehmuża mal-istess Mandat. Fi kliem ieħor, fil-fehma tal-Qorti, it-titolu eżekuttiv li jrieġi l-Mandat milqugħ huwa dak magħruf fl-artikolu 253(a) tal-Kapitolu 12 u mhux dak magħruf fl-artikolu 253(ċ) tal-istess. Dan jidher sewwa mill-Mandat innifsu fejn it-titolu eżekuttiv li jissemma huwa s-sentenza u mhux it-taxxa. Meta sentenza tikkundanna lil waħda mill-partijiet biex tħallas l-ispejjeż ta' kawża, hija s-sentenza li toħloq it-titolu eżekuttiv u mhux it-taxxa ġudizzjarja. Dan għaliex "it-titolu esekuttiv kontra l-parti t-telliefa għall-ħlas tal-ispejjeż huwa s-sentenza nfisha, u mhux it-taxxa tad-drittijiet. Huwa minnu li l-likwidazzjoni tad-drittijiet issir fit-taxxa, iżda dan iservi biss biex l-ammont dovut bis-saħħa tas-sentenza jitqies likwidu għall-għanijiet ta' l-art. 256 tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili; il-kundanna għall-ħlas, iżda, issir fis-sentenza, u hija s-sentenza li tkun it-titolu esekuttiv"[9];

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma ssibx li ngħatawlha raġunijiet tajbin biżżejjed biex tordna t-tħassir tal-Mandat maħruġ mill-eżekutant;

Illi għal dak li jirrigwarda t-<u>tieni kawżali</u> jrid jingħad li l-liġi nnifisha tgħid li ma jistax jinħareġ Mandat ta' Sekwestru (kemm fl-għamla eżekuttiva u kif ukoll f'dik kawtelatorja[10]) fuq il-pensjoni tal-parti eżekutata. L-eċċezzjonijiet għal din ir-regola huma limitati għal dak li tgħid l-istess liġi. Madankollu, wieħed ma jistax jieqaf biss fuq dik ir-regola, għaliex il-liġi nnifisha taħseb għal sitwazzjonijiet fejn pensjoni tista' tkun sekwestrabbli dwar kull ammont minnha li jaqbeż is-somma msemmija fil-liġi[11];

Illi dan ifisser li ma jistax jingħad li ma jista' jinħareġ l-ebda Mandat ta' Sekwestru fuq talba ta' kreditur kontra debitur tiegħu wkoll fuq ġid li jkun ġej minn pensjoni bħal dik. Għalhekk ma hemm l-ebda nuqqas ta' siwi formali kif jgħid l-artikolu 789(1)(a) jew (ċ) tal-Kodiċi tal-Proċedura jekk

---

8 Art. 920(1) tal-Kap 12
9 P.A. GCD **29.11.2002** fl-atti tar-Rikors ghat-Tħassir tal-Mandat Eżekuttiv Nru. 1161/2002 fl-ismijiet ***Marianne Ellul vs HSBC Bank Malta p.l.c.*** (mhux pubblikat)
10 Art. 381(1)(b) u 849 tal-Kap 12
11 Art. 382(1) tal-Kap 12

Mandat jolqot fondi li jkunu dovuti lid-debitur eżekutat minn ħlas ta' pensjoni. Jibqa' għall-istess eżekutat li jagħmel l-arranġamenti meħtieġa mas-sekwestratarji tiegħu biex xi ġid sekwestrat bi ksur tal-liġi jew f'ammont li jaqbeż dak permess mil-liġi ma jibqax hekk sekwestrat;

Illi fil-każ tal-lum l-eżekutata ma ressqet l-ebda prova biex turi kemm jew liema mill-kontijiet bankarji sekwestrati jilqgħu fihom ħlasijiet ta' pensjoni. Lanqas ma tat l-iċken ħjiel dwar x'arranġamenti għamlet biex il-pensjoni li tirċievi tinżamm identifikabbli minn assi oħrajn li jista' jkollha fl-imsemmija kontijiet bankarji sekwestrati;

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti ssib li lanqas taħt din it-tieni kawżali l-eżekutata ma tatha raġuni tajba biex issib li l-Mandat għandu għalfejn jitħassar jew ikun dikjarat ma jiswiex;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba tar-rikorrenti** eżekutata għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1449/16 maħruġ kontriha mill-intimat eżekutant, **bl-ispejjeż** kontra l-istess rikorrenti eżekutata.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**29 ta' Marzu, 2017**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**29 ta' Marzu, 2017**